MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Appell Kriminali Numru. 62/2005

Il-Pulizija
(Spt. P. Micallef Grimaud)

Vs
Omissis
Mark Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-31 ta' Dicembru 2004 ghal habta ta' l-12:30 p.m. gewwa x-Xatt ta' Pinto, il-Floriana:

1. ingurjaw jew heddu jew ghamlu offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi

fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz – bi ksur ta' l-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjini tad-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u cioe' li kkommettew attentat ta' hsara volontarja fuq bastiment navali Amerikan bl-isem USS Obannon li kien sorgut fil-Port il-Kbir – bi ksur tal-Artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess jum, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq diversi uniformijiet u vettura ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, kif ukoll fuq proprjeta' privata tal-kumpanija V.I.S.E.T – bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi dahlu f'dar jew lok iehor jew f'recint gewwa x-Xatt ta' Pinto il-Floriana, proprjeta' privata tal-kumpanija V.I.S.E.T – bi ksur tal-Artikolu 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ghamlu vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta' ta' haddiehor u cioe' fi proprjeta' tal-kumpanija V.I.S.E.T gewwa x-Xatt ta' Pinto il-Floriana – bi ksur ta' l-Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Marzu, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 325(b), 340(b) u 17 tal-Kap. 9 sabet lill-imputati hatja tal-hames akkuza w ikkundannathom hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) filwaqt li fil-konfront tat-tielet akkuza bhala wahda involontarja u fil-limiti li tirrizulta, lliberathom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor zmien sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 u a tenur tal-Artikolu 23 tal-istess Kap. ordnat lill-

imputati sabiex ihallsu lill-Kummissarju tal-Pulizija tlettin lira Maltin (LM30) in linja ta' kumpens ghad-danni lill-uniformijiet tal-membri tal-korp.

Rat ir-rikors tal-appellanti pprezentat fil-11 ta' Marzu, 2005, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti mhux hatja ta' l-ewwel, it-tieni (jew it-tielet) u r-raba' akkuza fil-konfront tal-bastiment navali Amerikan, u tirrevoka l-parti tal-istess sentenza in kwantu sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi l-ohra w cioe' tat-tieni, t-tielet u l-hames u b'hekk tillibera lill-appellanti mill-istess akkuzi u mill-pieni nflitti fuqhom.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal tal-Avukat Dottoressa Michaela Spiteri ghall-Avukat Generali li bih eccepiet in-nullita' tar-rikors tal-appell stante li t-talba hija nulla ghaliex l-appellant lanqas ma huwa cert mill-akkuzi li gie liberat jew ikkunndannat ghalihom u li messu kien car u talab il-konferma ta' dik il-parti fejn gie liberat mill-ewwel , it-tieni u r-raba akkuza u r-revoka ta' dik il-parti fejn sabitu hati tat-tielet u l-hames akkuza.

Semghet it-trattazzjoni dwar din il-pregudizzjali;

Ikkonsidrat;

Illi meta giet biex tezamina l-pregudizzjali tal-Avukat Generali din il-Qorti bil-fors kellha tezamina it-talba kontenuta fir-rikors tal-appell u tqabbel din mall-parti dispozittiva tas-sentenza w, meta ghamlet dan, irriskontrat id-diffikultajiet infraskritti.

Di fatti, l-appellant kien gie mixli b' hames akkuzi u cioe' (1) ingurji, theddid, jew offizi kontra persuni nkarikati minn servizz pubbliku bi ksur tal-artikolu 95 (1) tal-Kap.9; (2) tentattiv ta' hsara volontarja fuq bastiment navali Amerikan sorgut fil-Port il-Kbir; (3) hsara volontarja fuq diversi uniformijiet u vettura ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u fuq proprjeta' privata tal-V.I.S.E.T. bi ksur tal-

Kapitolu 325 (b) tal-Kap.9; (4) li dahlu f' lok jew recint privat u cioe' proprjeta' tal-kumpanija V.I.S.E.T. gewwa x-Xatt ta' Pinto , Floriana, bi ksur tal-Artikolu 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u (5) bi vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta' bi ksur tal-art. 340 (d) tal-Kap.9.

Illi fis-sentenza appellata , l-Ewwel Qorti bdiet biex tghid testwalment hekk :-

"*Ili fl-isfond ta' dan kollu u ezaminati l-akkuzi li fil-fehma tal-Qorti jistghu ireggu kontra l-imputati, cioe' it-tieni, l-hames u t-tielet sa fejn treggi bhala wahda involontarja u limitatament ghall-uniformijiet tal-membri tal-pulizija (akkuza minuri u involuta), jinghad illi fir-rigward it-tieni ma ngabet ebda prova ta' kemm setghet tkun il-hsara jew ukoll u fil-kaz li l-azzjoni tal-imputati kienet tirmexxi, jekk kienx ikun hemm hsara . Il-Qorti wkoll fin-nuqqas ta' kull kwerela, ma ssibx li tista' ssib reita' f' din l-akkuza kif dedotta . Ir-reita' ta' l-imputati treggi pero' fir-rigward l-akkuzi l-ohra riferiti aktar il fuq f' dan il-paragrafu.*"

Illi minn dan wiehed jista' jifhem li l-Ewwel Qorti allura sabet htija biss fuq il-hames akkuza u fuq it-tielet akkuza imma biss bhala wahda kompriza w involuta ta' hsara involontarja w limitatament ghall-uniformijiet tal-membri tal-korp tal-pulizija. Implicitament allura ma sabitx htija tal-ewwel u tar-raba imputazzjoni kif ukoll ta' hsara volontarja skond it-tielet akkuza, ghalkemm dan ma qalitux espressament, umbaghad – kif qalet did-darba *expressis verbis* - lanqas ma sabet htija tat-tieni imputazzjoni.

Fil-paragrafu segwenti umbaghad, meta ghaddiet ghall-kundanna, l-ewwel Qorti ccitat l-artikolu 325 (b) tal-Kap.9, suppost b' riferenza ghall-htija ta' danni involontarji, kompriza w involuta fit-tielet imputazzjoni w l-artikolu 340 (b) b' riferenza ghall-htija skond il-hames imputazzjoni ta' vjolazzjoni kontra proprjeta'. Illi pero' jekk l-htija kif jista' jidher li giet riskontrata fir-rigward tat-tielet imputazzjoni hija dik ta' **danni involontarji,** kif fuq intqal, din ma hix koperta bl-artikolu citat mill-Ewwel Qorti imma, se mai, tkun taqa' taht l-**artikolu 328 (d)** tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk hawn jew gie citat artikolu zbaljat jew minnkejja

dak li tat  wiehed x’ jifhem, l-Ewwel Qorti sabet htija ta’ hsara volontarja.

Issa kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza meta l-artikoli citati fis-sentenza jkunu zbaljati, kif jidher li x’ aktarx gara f’ dan il-kaz, dan il-fatt igib in-nullita’ tas-sentenza appellata. (ara. Appell Krim. **“Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**” [28.5.1987] u ohrajn.)

Inoltre kif fuq intqal, l-Ewwel Qorti ma qalitx espressament ta’ x’ hiex qed issib htija u minn x’ hiex kienet qed tillibera lill-appellant u dan jista’  jiftiehem biss b’implikazzjoni, fatt dan li  seta’ bir-ragun kien il-kagun tal-appell in parti nebuluz tal-appellant li fuqu l-Avukat Generali bbaza l-eccezzjoni tieghu tan-nullita’ tar-rikors tal-appell. Issa ukoll skond il-gurisprudenza kostanti, meta l-Qorti tal-Magistrati tati s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom ikun misjub hati. Inoltre l-Qorti ghandha tindika taht liema akkuzi l-imputat ikun instab hati u minn liema hu jkun gie liberat. Jekk sentenza ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, dik is-sentenza tkun nulla. (ara App. Krim. “**Il-Pulizija vs. Generoso Sammut**” [13.10.2004] , **“Il-Pulizija vs. Piju Gafa’”** [18.4.1959] ; “**Il-Pulizija vs. Francis Aquilina**” [26.11.1960]; “**Il-Pulizija vs. Frans Portelli”** [3.3.1992] u ohrajn) u din in-nullita’ hija anki sollevabbli “*ex officio*” mill-Qorti tal-Appell (App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Emmanuel Zammit”** [16.1.1986] u ohrajn.).

Illi lanqas jidher li hu l-kaz li din il-Qorti thassar u tannulla <u>biss parzjalment</u> dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie misjub hati w li hija effettwata b’ dawn in-nuqqasijiet procedurali w thalli mhux mittiefsa l-partijiet fejn l-appellant gie liberat, ghax f’ dan il-kaz ma johrogx car minn x’ hiex hu gie liberat kif fuq intqal u jkun ingust li din il-Qorti terga’ tinvesti mill-gdid fil-mertu akkuzi li l-appellant gja seta’ gie liberat minnhom mill-Ewwel Qorti, u dan ghaliex kieku jsir hekk, ikun qieghed indirettament jigi estiz id-dritt t’ Appell tal-Avukat Generali bi ksur tal-artikolu 413 tal-Kap.9. (ara App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Charles Micallef”** [23.6.1995] ).

Illi konsegwentement dawn id-difetti riskontrati fuq imsemmija necessarjament iridu jwasslu lil din il-Qorti biex “ex officio” tannulla s-sentenza appellata u ghalhekk in vista’ ta’ dan , din il-Qorti mhux ser tipprovdi dwar l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali, anki ghaliex biex tista’ tigi deciza din l-eccezzjoni wiehed irid bil-fors jirrelata t-talba kontenuta fir-rikors mall-parti dispozittiva ta’ sentenza li minnha nnifisha tidher li tippekka kontra l-formalita’ sostanzjali rikjesta fl-artikolu 382 tal-Kap. 9 , kif kostantement interpretat fil-gurisprudenza, liema nuqqas ta’ formalita’ jidher li ta lok ghall-incertezza fir-rikors tal-appell li minnha qed issa jillamenta l-Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi thassar u tannulla s-sentenza appellata w konsegwentement , sabiex ma tipprivax lill-partijiet, partikolarment lill-imputati, mill-beneficcju tad-doppio esame, qed tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga’ jigi deciz mill-gdid skond il-ligi anki fid-dawl tal-principji ta’ dritt fuq enuncjati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------